# *Garanzija aqwa għall-Manteniment tal-Ulied fl-UE*

Regoli ġodda tal-Unjoni Ewropea se jagħmluha aktar faċli biex ulied ta' ġenituri mifruda jirċievu l-pagamenti tal-manteniment, minghajr ħafna kumplikazzjonijiet jew dewmien. Dawn ir-regoli japplikaw l-iktar f'sitwazzjonijiet fejn ġenitur jonqos milli jwettaq dan l-obbligu.

Għalkemm kien hemm diġà regolamenti li jobbligaw il-ħlas ta' dan il-manteniment madwar l-UE, dan kien proċess twil u għali, iktar u iktar meta nafu li madwar l-Ewropa hawn 16-il miljun koppja fejn iż-żewġ ġenituri mhumiex tal-istess nazzjonalità, filwaqt li 30 miljun ċittadini Ewropej jgħixu f'pajjiżi li mhumiex fl-UE.

Għaldaqstant ir-regoli l-ġodda:

- **Ipoġġu l-interessi tat-tfal l-ewwel u qabel kollox;**
- **Inaqqsu piżijiet konsiderevoli għall-ġenituri u t-tfal kemm fil-qagħda finanzjarja tagħhom, kif ukoll dik psikoloġika;**
- **Jgħinu biex jitħaffef il-proċess u jinstab b'mod aktar faċli d-debitur li jkun qed jaħrab mill-obbligu tal-pagamenti tal-manteniment;**
- **Jobbligaw li d-deċizjonijiet dwar manteniment li jkunu saru f'pajjiż wieħed tal-UE jiġu infurzati bl-istess mod f'pajjiż ieħor tal-UE;**
- **Jimxu mal-Konvenzjoni tal-Aja dwar il-Man teniment biex l-awtoritajiet tal-Istati Membri kif ukoll ta' pajjiżi li mhumiex fl-UE, jikkoperaw flim kien fl-infurzar tal-liġijiet f'każijiet ta' talbiet għall-manteniment;**
- **Isostnu lill-istess Konvenzjoni għall-għajnuna bla ħlas f'każijiet ta'** ***child support.***

F'Ġunju li għadda l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ħa d-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja dwar l-Irkupru Internazzjonali ta' Manteniment għat-tfal u Forom Oħra ta' Manteniment tal-Familja.




Malta-EU Steering & Action Committee

280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta
Telefown: 2200 3300
Email:info.meusac@gov.mt
Websajt: www.meusac.gov.mt